

31994L0004

L 60/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

3.3.1994

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 94/4/KE
tal-14 ta' Frar, 1994

li temenda d-Direttivi 69/169/KEE u 77/388/KEE u li żżid il-livell ta' allowances lil vjaġġaturi minn pajjiżi terzi u l-limiti fuq xiri ħieles mit-taxxi fil-każ ta' vjaġġi ġewwa l-Komunità

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Billi hemm rabtiet speċjali bejn l-Ispanja kontinentali u l-Gżejjer *Canary, Ceuta u Melilla*;

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 99 tiegħu,

Billi hu meħtieġ li jiġi assigurat, matul il-perjodu meta dan il-bejgħ ikun awtorizzat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 28k tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju, 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward it-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ – is-sistema Komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud: il-bażi uniformi ta' l-istima ⁽⁵⁾, li jinżamm il-valur reali ta' l-oġġetti li x'aktarx jinbiegħu fil-ħwienet fejn ma titħallasx taxxa fuq l-oġġetti mibjugħa lil vjaġġaturi fuq titjiriet ġewwa l-Komunità jew fuq il-qsim bil-baħar,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 69/169/KEE tat-28 ta' Mejju, 1969 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur tal-bejgħ u t-taxxa tas-sisa fuq importazzjonijiet fil-każ ta' vjaġġi internazzjonali ⁽⁴⁾ jipprovdi għal konċessjonijiet fil-każ ta' oġġetti li jkunu nstabu fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi ġejjin minn pajjiżi terzi bil-kondizzjoni li tali mportazzjonijiet ma jkollhom l-ebda karattru kummerċjali;

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Direttiva 69/169/KEE hi b'dan emendata kif ġej:

Billi l-valur totali ta' l-oġġetti eliġibbli għal din l-eżenzjoni ma jistax jeċċedi l-45 ECU kull persuna; billi, skond l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 69/169/KEE, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-allowance għal 23 ECU għal vjaġġaturi li jkollhom taħt il-15-il sena;

1. fl-Artikolu 1(1), l-"45 ECU" għandha tiġi sostitwita b' "175 ECU";
2. fl-Artikolu 1(2), "t-23 ECU" għandha tiġi sostitwita bi "90 ECU";
3. l-Artikolu 7b għandu tiġi sostitwit b'dan li ġej:

Billi għandhom ikunu konsidrati l-miżuri favur il-vjaġġaturi rakkomandati mill-organizzazzjonijiet internazzjonali speċjalizzati u partikolarment il-miżuri kontenuti fl-Anness F.3 mal-Konvenzjoni Internazzjonali fuq is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali;

"Artikolu 7b

Billi dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu billi tiżdied l-*allowance*;

1. B'deroga mill-Artikolu 1(1), Spanja hija hawnhekk awtorizzata li tapplika, sal-31 ta' Diċembru, 2000, l-allowance ta' 600 ECU għall-importazzjonijiet ta' l-oġġetti n-kwistjoni minn vjaġġaturi ġejjin mill-Gżejjer *Canary, Ceuta u Melilla* li jidħlu fit-territorju ta' Spanja kif imfisser fl-Artikolu 3(2) u (3) tad-Direttiva 77/388/KEE.

Billi hu meħtieġ li tkun provduta, għal perijodu limitat, deroga għall-Ġermanja, meta jiġu konsidrati d-diffikultajiet ekonomiċi li x'aktarx ikunu kaġunati bl-ammont ta' l-*allowance*, b'mod partikolari rigward il-vjaġġaturi li jidħlu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru mill-fruntieri ta' l-art li jgħaqqu lill-Ġermanja mal-pajjiżi oħra għajr l-Istati Membri u membri tal-EFTA jew permezz tanavigazzjoni mal-kosta ġejja mill-imsemmija pajjiżi;

2. B'deroga mill-Artikolu 1(2), Spanja għandu jkollha l-għażla li tnaqqas dik l-allowance għal 150 ECU għal vjaġġaturi li jkollhom inqas minn 15-il sena."

Artikolu 2

Fl-Artikolu 28k tad-Direttiva 77/388/KEE, l-ewwel subparagrafu tal-punt 2 (a) għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"(a)liema valur totali għal kull persuna għal kull vjaġġ ma jeċċedix id-90 ECU.

⁽¹⁾ ĠU C 102, ta' l-14.4.1984, p. 10 u ĠU C 78, tas-26.3.1985, p. 9.

⁽²⁾ ĠU C 46, tat-18.2.1985, p. 75 u l-opinjoni mogħtija fl-20 ta' Jannar, 1994 (għad mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU C 248, tas-17.9.1984, p. 26.

⁽⁴⁾ ĠU C 133, ta' l-4.6.1969, p. 6. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/111/KEE (ĠU L 384, tat-30.12.1992, p. 47).

⁽⁵⁾ ĠU L 145, tat-13.6.1977, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92//111/KEE (ĠU L 384, tat-30.12.1992, p. 47).

B'deroga mill-Artikolu 28m, l-Istati Membri għandhom jis-tabbilixxu l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali ta' l-ammont hawn fuq imsemmi skond l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 69/169/KEE.”

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa' mhux aktar tard mill-1 ta' April, 1994. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom fihom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tagħhom. Il-metodi kif issir tali riferenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hi awtorizzata li ddaħħal fis-seħħ il-miżuri meħtieġa biex tikkonforma ma' din id-Direttiva sa' mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar, 1998 dwar l-oġġetti mportati minn vjaġġaturi deklin fit-territorju Ġermaniż mill-fruntiera ta' l-art li tgħaqqad il-Ġermanja mal-pajjiżi oħra għajr l-Istati Membri u l-membri tal-EFTA jew b'mezzi ta' navigazzjoni tal-kosta ġejjin mill-imsemmija pajjiżi.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropew*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi' Brussell, l-14 ta' Frar, 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

Y. PAPANTONIOU